KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 455 (8-82)

It-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.
Is-Seduta bdiet fis-6.30pm minħabba nuqqas ta' kworum.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**455.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**455.1.2** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**455.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**455.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 454. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**455.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**455.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**455.3.1** Is-Sindku qal li din hija l-aħħar Seduta bl-aġenda qabel l-elezzjoni. Hu qal li l-aħħar Seduta ta' din il-leġislatura ser tinżamm fl-24 ta' Ġunju fejn jiġu approvati il-Minuti biss, fejn l-għada jittieħed il-ġurament tal-kunsilliera eletti. Il-funzjoni ta' dan il-Kunsill tibqa' sal-aħħar ta' Ġunju, iżda jibqa' jkun hemm kontinwita' permezz tal-amministrazjoni.

**455.3.2** Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fil-Family Park ta' Triq Salvu Borg Olivier mexjin ser u x-xogħol mistenni jkun lest dan is-Sajf.

**455.3.3** Is-Sindku qal li qed jitkomplew ix-xogħolijiet ta' bdil ta' servizzi tal-Enemalta fi Triq ir-Rebbiegħa, in-Newba, u Triq Lapsi fejn eventwalment meta jkun lest dan ix-xogħol tingħata l-aħħar kisja Triq L-Imqabba. Is-Sindku qal li ressaq diversi issues tas-sidien tal-garaxxijiet dwar qlib tal-ilma tax-xita lejn il-ġonna u aċċessibilta' lill-Perit ta' Infrastructure Malta fejn dawn l-issues qed jiġu riżolti qabel isir il-wiċċ.

**455.3.4** Is-Sindku informa li ġie ffirmat il-ftehim mal-Każin Banda San Nikola, ftehim li ħa ż-żmien sakemm jiġi finalizzat.

**455.3.5** Is-Sindku rrefera għall-pjan dwar l-iffirmar tal-ftehim mal-Fondazzjoni Patrimonju. Hu qal li ġie mitlub abbozz ta' dan il-ftehim mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġew 'flagged' diversi issues legali fl-abbozz preparat. Is-Sindku qal li dan l-abbozz għandu jiġi rivedut fl-assistenza tal-avukat tal-kunsill u għalhekk għalissa ma nistgħux niproċedu bl-iffirmar.

**455.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**455.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**455.5** **Proposta ta' arranġament ta one-way traffic fi Triq Blat il-Qamar u Triq il-Girgenti**

**455.5.1** Is-Sindku semma l-problema tat-traffiku u d-diffikultajiet f'diversi toroq fosthom Triq Blat il-Qamar. Is-Sindku qal li l-one way fi triq il-Girgenti għandha tiġi attwata fi proġett ħolistiku flimkien ma' Triq Blat il-Qamar biex l-influss tat-traffiku ma jaqax fuq triq waħda. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li jridu jiġu kkunsidrati toroq bħal Triq it-Tank fejn hemm entrata waħda minn Triq il-Prof. Enriko Vassallo. Hu qal li rridu noqgħodu attenti minn fejn ser jiġi dirott it-traffiku biex il-problema ma tiġix spustjata. Is-Sindku propona li titħejja proposta ta' rotta tat-traffiku u alternattivi possibbli mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**455.6** **Xogħolijiet permezz tan-National Framework tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**

**455.6.1** Is-Sindku qal li ġie ffirmat il-ftehim mad-Dipartiment Tax-Xogħolijiet fuq xogħol ta' infrastruttura għas-snin li ġejjin. Hu qal li t-talbiet isiru tramite s-sistema u hemm ammont ta' fondi allokat għal kull kunsill. Is-Sindku qal li ħa jibdew xogħolijiet fl-immedjat fuq parti ta' Triq Ġużeppi Busuttil. Hu qal li dawn ix-xogħolijiet ser ikunu qed itaffu mill-piż fuq il-Kunsilli , anke dak finanzjarju. Talba għal xogħolijiet, bħal medda sħiħa ta' bankini għandha titniżżel fis-sistema u m'għandhomx jiġu inklużi xogħolijiet li jkunu fil-pjan ta' Infrastructure Malta.

**455.7** **Xogħolijiet fuq proġett tal-ispazju miftuħ f' Ramija**

**455.7.1** Is-Sindku qal illi l-proġett ta' Ramija qiegħed fil-fażi konklussiva fejn ser isiru wkoll it-toroq biswit il-ġnien. Hu qal li permezz tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet saret ukoll rampa għall-aktar aċċessibilta' għall-entrata f'binja tal-flats u qed isir ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Hu qal li dan ix-xogħol qed isir b'koordinament sħiħ bejn il-Kunsill u d-Dipartiment.

**455.8** **Preparamenti Festa San Nikola**

**455.8.1** Is-Sindku qal li għalkemm din is-sena il-festa ġejja bejn żewġ leġislazjonijiet, il-preparamenti xorta mexjin b'mod normali. Is-Sindku qal li l-amministrazjoni qed tieġu ħsieb il-loġistika ta' permessi kemm tal-għaqdiet, stabbilimenti u anke kiosks, kif ukoll kwotazjonijiet għat-tindif fost l-oħrajn. Huwa informa li saret il-laqgħa mas-sidien tal-istabbilimenti mal-Pulizija fejn jidher li hemm bilanċ bejn kulħadd, ġew iċċarati xi problemi li kien hemm is-sena l-oħra u anka sar ftehim fuq il-ġbir ta' skart. Is-Sindku qal li qed nistħarrġu l-possibilta' li jkun haw konteninturi għal fliexken tal-plastic, u anka l-possibilta' li tinġieb magna tal-bcrs iżda jidher li hemm ħlas konsiderevoli.

**455.9** **Inawgurazzjoni mafkar Fr Nicholas Cachia**

**455.9.1** Is-Sindku qal li ġiet preparata l-bażi għall-mafkar fir-roundabout ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit ma' Triq tal-Providenza. Hu qal li l-familja xtaqu disinn fil-ġebel u iskrizzjoni, fejn ġie kkuntattjat il-Perit Cintorino biex iħejji d-disinn klassiku. Is-Sindku qal li qed jinġiebu stimi għal dan ix-xogħol. Huwa qal li x-xogħol mhux ser jilħaq ikun lest kif pjanat.

**455.10** **Xogħol ta' restawr fuq tlett niċeċ fi Triq Blat il-Qamar**

**455.10.1** Is-Sindku qal li ġie inawgurat il-proġett ta' restawr tal-Madonna ta' Lourdes. Huwa qal li dan ix-xogħol sar b'reqqa u professjonalita' kbira mir-restawratur Melvin Gauci. Hu qal li jonqos jitwaħħal ir-rixtellu li intbagħat għas-sandblasting u l-fanali ta' quddiem. Is-Sindku rrefera għat-tlett niċeċ fi Triq Blat il-Qamar. Hu qal li dawn qegħdin fi stat deterjorat ħafna u hemm bżonn intervent maġġuri. Is-Sindku propona li dawn għandhom jiġu kkunsidrati fi proġetti futuri ta' konservazjoni tal-wirt lokali.

**455.11** **Ittra legali mis-Sur George Galea**

**455.11.1** Is-Sindku qara ittra legali datata 22 ta' Mejju 2024 u riċevuta f'dan l-uffiċċju fit-28 ta' Mejju 2024 mis-Sur George Galea, fejn qed jitlob ħlas ta' €2950. Is-Sindku rrefera għal Minuti 453.10.2 fuq l-istess materja fejn kienet ittieħdet id-deċiżjoni tal-Kunsill u qal li dan għandu jiġi riferut lill-avukat biex tintbgħat ir-risposta legali minn naħa tal-Kunsill.

**455.12** **Tender LCS01/24 – Cleaning of Non Urban Areas**

**455.12.1** Is-Sindku rrefera għal dan is-servizz u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa dan is-servizz qed jingħata b'direct order approvata sal-aħħar ta' Awwissu. Hija qalet li s-sejħa għat-tender għalqet fit-8 ta' Mejju 2024, fejn intefgħu tmien offerti. Hija qalet li f'dan l-istadju li din hija l-aħħar Seduta ta' din il-Leġislatura, l-evalwazjoni għandha titħalla għal wara Lulju, fejn jiġi appuntat board ta' evalwazjoni għal dan it-tender.

| | |
|---|---|
| **455.13** | **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar** |
| **455.13.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi. |
| **455.14** | **Rapport tal-Korrispondenza** |
| **455.14.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum. |
| **455.14.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni għal Fond ta' Aġġustament għas-sena 2024 ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata fondi addizjonali ta' €10,000. |
| **455.14.3** | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-talba għal direct order għas-servizz ta' knis għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2024 sal-31 ta' Lulju 2024 ġiet approvata għall-ammont ta' €16,500. |
| **455.14.4** | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza mill-Kap tal-Iskola Kulleġġ San Injazju Siġġiewi fejn qed jitolbu għajnuna mill-Kunsill għall-ħarġa tal-'farewell' tal-year 6 bħal ma jsir kull sena għall-ammont ta' madwar €530 li jkopri 65 student u 11-il għalliem. Il-Kunsill approva unanimament din l-ispiża. |
| **455.14.5** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tal-Ombudsman Case 24-4519 rigward parkeġġi abbużivi u mingħajr awtorizzazjoni fil-lokalita'. Hija qalet li kellha laqgħa ma' Dr Said mill-Uffiċċju tal-Ombudsman rigward proċeduri għall-parkeġġi riservati fejn hija spjegat dawn u anka il-prassi meta l-uffiċċju jirċievi talba għall-parkeġġ riservat. Is-SE qalet li trid tagħti risposta dwar il-lista ta' parkeġġi eżistenti u għalhekk qed tagħmel eżerċizzju mir-rekords tas-snin passati fejn dan jieħu ħin peress li anka hemm diversi li trid tara fiżikament biex tidentifika x' sinjali hemm. |
| **455.15** | **Rapport tal-ilmenti** |
| **455.15.1** | Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum. |
| **455.16** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| **455.16.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.<br>Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva. |
| **455.17** | **Approvazjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar-Marzu 2024 (Q1)** |
| **455.17.1** | Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju għax-xhur minn Jannar sa Marzu, li jkopri l-ewwel kwart tas-sena. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill approva r-rapport unanimament. |
| **455.18** | **Awditjar għas-sena t'għeluq 2023 – Management Letter**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-awditjar għas-sena finanzjarja 2023 ġie fi tmiemu u preżentat abbozz tal-Maanagement Letter . Hija qalet li f'din il-faċi qed isiru l-aġġustamenti neċessarji mill-accountant u qed titlesta ir-risposta għal Management Letter fejn qed jiġu innotati il-punti kollha imsemmija. |
| **455.19** | **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**<br>Ma ssemmewx punti oħra. |

**455.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**455.20.1** Is-Sindku irringrazja lill-Kunsilliera kollha tas-servizz u l-ġin tagħhom f'dawn il-ħames snin li servew fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Hu qal li mhux faċli li persuna tiddeċiedi li tiddedika l-ħin tagħha biex tagħti servizz lejn ir-residenti, ħin meħud mill-familja u mill-ħajja personali. Is-Sindku awgura lil kull min ser jikkontesta fl-elezzjonijiet li ġejjin u qal li min jiġi elett għandu jaħdem b'għan wieħed u ġid komuni għal Siġġiewi aħjar.

**455.20.2** Il-laqgħa intemmet fis-7.50 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-aħħar laqgħa titlaqqa' nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju 2024

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Kunsillier | Segretarju Eżekuttiv |